32006D0427

L 169/56 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 22.6.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Ġunju 2006

li tistabbilixxi l-metodi ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni u l-metodi tal-ivvalutar tal-valur ġenetiku tal-bovini mnissla minn razza pura

(notifikata bid-dokument numru C(2006) 2376)
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2006/427/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill Nru 77/504/KEE tal-25 ta' Lulju 1977 fuq l-annimali tal-fart [bovini] ta' razza pura għat-tnissil[1], u b'mod partikolari fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 86/130/KEE tal-11 ta' Marzu 1996 li tippreskrivi l-metodi ta' monitoraġġ tal-abbiltà u l-metodi tal-ivvalutar tal-valur ġenetiku tal-ifrat [bovini] ta' razza pura għat-tnissil[2] kienet emendata sostanzjalment[3]. Fl-interessi taċ-ċarezza u r-razzjonalità, id-Deċiżjoni msemmija għandha tiġi kkodifikata.

(2) Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-metodi ta' kif għandu jinżamm rekord tal-prestazzjoni u tal-ivvalutar ġenetiku tal-annimali bovini.

(3) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żooteknikai

---

1 ĠU L 206, 12.8.1977, p 8. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36).

2 ĠU L 101, 17.4.1986, p 37. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 94/515/KE (ĠU L 207, 10.8.1994, p. 30).

3 Ara l-Anness II.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni u l-metodi tal-ivvalutar tal-valur ġenetiku tal-bovini mnissla minn razza pura għandhom ikunu stipulati fl-Anness I.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni Nru 86/130/KEE hija rrevokata.

Referenzi għad-Deċiżjoni li ġiet irrevokata għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni skont it-tabella ta' korrelazzjoni li tinsab fl-Anness III.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Ġunju 2006.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

I. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom japprovaw l-entitajiet responsabbli għall-iffissar tar-regoli ta' kif għandu jinżamm rekord tal-prestazzjoni u tal-ivvalutar ġenetiku u għall-pubblikazzjoni tar-riżultati ta' evalwazzjoni tal-bovini mnissla minn razza pura. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom ikunu mgħarrfa bl-ismijiet tal-entitajiet approvati.

B'mod partikolari, dawk l-entitajiet għandhom jagħtu kont tal-metodi ta' kif jinżamm rekord, il-mudell ta' kif għandha tiġi deskritta l-prestazzjoni, il-metodu tal-istatistika użat għall-analiżi u l-parametri ġenetiċi użati għall-evalwazzjoni ta' kull karatteristika li għandha x'taqsam ma' dan.

IR-REĠISTRAZZJONI TAL-IMĠIBA

Għandu jinżamm rekord tal-informazzjoni kollha fl-ambitu tar-responsabbiltà tal-entità approvata.

1. Karatteristiċi fil-produzzjoni taċ-ċanga

(a) Testijiet tal-prestazzjoni individwali u/jew tal-wild fi stazzjon

(i) Għandhom jiġu indikati l-metodu ta' ttestjar u l-għadd ta' annimali ttestjati.

(ii) Dawn li ġejjin għandhom ikunu indikati fil-protokoll tat-test:

– il-kundizzjonijiet għad-dħul fl-istazzjon,

– jekk applikabbli, il-prestazzjoni fil-farm tal-annimali tat-test qabel id-dħul tagħhom fl-istazzjon,

– l-identità ta' sid l-annimali li se jiġu ttestjati għall-prestazzjoni individwali,

– l-età massima tal-annimali ttestjati li se jidħlu fl-istazzjoni u l-kategorija tal-età tal-annimali li hemm bħalissa fl-istazzjon,

– it-tul tal-perjodu ta' adattament u l-perjodi tat-testijiet fl-istazzjon,

– it-tip ta' dieta u s-sistema użata għall-għalf,

(iii) Karatteristiċi rreġistrati: il-karatteristiċi minimi li għandu jinżamm rekord tagħhom jinkludu ż-żieda fil-piż tal-annimali ħajjin u l-iżvilupp muskolari (konformazzjoni taċ-ċanga) u, jekk disponibbli l-karatteristiċi l-oħrajn bħal ma huma l-bidla fl-għalf u l-karatteristika tal-karkassa.

Unitajiet speċjalizzati jistgħu joperaw bħala stazzjonijiet taħt ir-responsabbiltà tal-entità approvata.

(b) Ittestjar fuq il-post (fil-farm)

L-entità approvata għandha tipprovdi l-metodu ta' kif għandu jsir it-test u l-metodu biex ikunu vvalidati r-riżultati tat-test. Il-karatteristiċi minimi li għandu jinżamm rekord tagħhom jinkludu l-piż tal-annimali ħajjin u l-età u, jekk disponibbli, karatteristiċi oħra bħal konformazzjoni taċ-ċanga.

(c) Ittestjar permezz ta' dejta tal-istħarriġ fil-farms u l-postijiet tal-bejgħ u l-qatla

Jekk disponibbli u xieraq għandu jinżamm rekord tal-piżijiet tal-annimali ħajjin u ta' dawk maqtulin, il-prezzijiet għall-bejgħ, il-kategorija tal-karkassa skont l-iskema tal-klassifikazzjoni tal-Komunità, il-kwalità ta' laħam u karatteristiċi oħrajn taċ-ċanga.

2. Ir-reġistrazzjoni tal-ħalib

Ir-reġistrazzjoni tad-dejta tal-produzzjoni tal-ħalib għandha tkun skont il-prinċipji maqbula bejn entitajiet internazzjonali kompetenti (pereżempju, il-Kumitat Internazzjonali għar-Reġistrazzjoni tal-Annimali (ICAR)).

3. Riproduzzjoni (karatteristiċi sekondarji)

Meta tkun qed issir l-evalwazzjoni tal-fertilità, il-kapaċità għall-wild u l-għomor għandhom jiġu vvalutati abbażi tal-informazzjoni dwar il-fertilizzazzjoni (per eżempju, l-għadd ta' annimali li ma jerġgħux jitgħammru għall-perjodu ta' żmien), kemm hu faċli li l-annimali joħorġu tqal u l-età funzjonali (per eżempju, il-probabilità li l-annimal jibqa' fil-merħla (stayability), l-età ta' meta jinqatlu, it-tul tal-ħajja produttiva), rispettivament.

4. Valutazzjoni morfoloġika (tat-tip)

Meta ssir gradazzjoni morfoloġika, din għandha ssir permezz tal-użu ta' sistema approvata tar-reġistrazzjoni.

III. EVALWAZZJONI ĠENETIKA

1. Prinċipji

L-evalwazzjoni ġenetika tal-annimali tat-tnissil għandha ssir taħt ir-reponsabbiltà tal-entità approvata u għandha tinkludi l-karatteristiċi tal-prestazzjoni li ġejjin skont l-għanijiet tal-għażla:

– Il-karatteristiċi tal-produzzjoni tal-ħalib għall-annimali tar-razez tal-annimali li jipproduċu l-ħalib,

– il-karatteristiċi tal-produzzjoni taċ ċanga għall-annimali tar-razez tal-annimali li jipproduċu ċ-ċanga,

– il-karatteristiċi tal-produzzjoni taċ-ċanga għar-razez tal-annimali li għandhom żewġ għanijiet.

Barra minn hekk, hu rrakkomandat li l-evalwazzjoni ġenetika tinkludi wkoll il-karatteristiċi tal-prestazzjoni riproduttiva u tal-morfoloġija għal razez li fil-prattika qed ssirilhom ir-reġistrazzjoni ta' dawn il-karatteristiċi.

Il-valur tat-tnissil ta' annimal jiġi kkalkulat fuq is-sisien tar-riżultati tal-prestazzjoni tal-individwu u/jew ta' dawk li jiġu minnu.

Il-metodi tal-istatistika li japplikaw fl-evalwazzjoni ġenetika għandhom ikunu skont il-prinċipji maqbula bejn l-entitajiet internazzjonali kompetenti (pereżempju, l-ICAR) u jiggarantixxu evalwazzjoni ġenetika mhux affettwata mill-influwenzi tal-fatturi ambjentali ewlenin u mill-istruttura tad-dejta.

Il-kredibilità tal-evalwazzjoni ġenetika għandha titkejjel bħala koeffiċjent tad-determinazzjoni skont il-prinċipji maqbula bejn l-entitajiet internazzjonali kompetenti (pereżempju, l-ICAR). Meta jiġu ppubblikati r-riżultati tal-evalwazzjoni, għandhom jingħataw kemm l-affidabbiltà u kemm id-data tal-evalwazzjoni.

Għandhom jiġu ppubblikati l-pekuljaritajiet u d-difetti ġenetiċi tal-annimal kif imfissra mill-entitajiet maħtura uffiċjalment għad-determinazzjoni ta' dawn il-karatteristiċi, bi qbil mal-organizzazzjonijiet jew l-assoċjazzjonjijiet ta' dawk li jrabbu, rikonoxxuti skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 84/247/KEE[4].

2. Evalwazzjoni ġenetika ta' barrin iddestinati għall-inseminazzjoni artifiċjali

Il-barrin għandhom ikunu suġġetti għal evalwazzjoni ġenetika dwar il-karatteristiċi obbligatorji u għandhom jiġu ppublikati l-valuri tagħhom tat-tnissil. Valuri disponibbli oħrajn li għandhom x'jaqsmu mat-tnissil għandhom jiġu ppubblikati wkoll.

Dawn id-dispożizzjonijiet ma japplikawx għal razez mhedda minn estinzjoni.

(a) L-evalwazzjoni ġenetika ta' barrin iddesetinati għall-inseminazzjoni artifiċjali għall-karatteristiċi tal-produzzjoni tal-ħalib

Fl-evalwazzjoni ġenetika tal-karatteristiċi tal-annimali fis-settur tal-ħalib għandhom ikunu inklużi l-produzzjoni tal-ħalib u l-kontenut (perċentwal tal-grass tal-butir u proteina) kif ukoll tagħrif ieħor li hu disponibbli u relevanti sabiex tkun iddeterminata l-attitudni ġenetika għall-karatteristiċi tal-ħalib.

L-affidabbiltà minima tal-evalwazzjoni ġenetika tal-barrin AI tar-razez tal-annimali li jipproduċu l-ħalib għandha tkun għall-anqas 0,5 għall-karatteristiċi ewlenin tal-produzzjoni skont il-prinċipji tal-ICAR meta wieħed iqis l-informazzjoni kollha rigward bhejjem li jiġu minnhom.

(a) L-evalwazzjoni ġenetika ta' barrin iddesetinati għall-inseminazzjoni artifiċjali għall-karatteristiċi tal-produzzjoni taċ-ċanga

L-evalwazzjoni ġenetika ta' dawn il-barrin titwettaq abbażi ta' wieħed mill-metodi ta' ttestjar tal-prestazzjoni li ġejjin:

---

4 ĠU L 125, 12.5.1984, p 58.

(i) ittestjar tal-prestazzjoni individwali fl-istazzjon;

(ii) ittestjar tal-wild u/jew l-aħwa fl-istazzjon jew fl-unitajiet speċjalizzati;

(iii) ittestjar tal-wild u/jew l-aħwa fil-farm; b'tali mod li l-wild jitqassmu fost il-merħliet irreġistrati sabiex ikun hemm lok li jsir tqabbil validu tal-barrin.

(iv) ittestjar tal-wild u/jew l-aħwa permezz ta' ġbir ta' dejta mill-farms, waqt il-bejgħ bl-irkant jew fil-biċċeriji b'tali mod li jkun hemm lok li jsir tqabbil validu tal-barrin

Jekk il-piż tal-karkassa u, meta xieraq, il-karatteristiċi tal-kwalità tal-laħam, il-prestazzjoni fit-tkabbir u l-kapaċità għall-wild ikunu rreġistrati, dawk il-karatteristiċi kif ukoll karatteristiċi oħra relevanti għandhom ikunu inklużi fl-evalwazzjoni ġenetika tal-barri.

L_2006169EN.01005901.rtf

ANNESS II

Deċiżjoni rrevokata bl-emenda tagħha	
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 86/130/KEE	ĠU L 101, 17.4.1986, p 37.
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 94/515/KE	ĠU L 207, 10.8.1994, p 30.

ANNESS III

Tabella ta' korrelazzjoni	
Id-eċiżjoni Nru 86/130/KEE	Din id-Deċiżjoni
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1
—	L-Artikolu 2
L-Artikolu 2	L-Artikolu 3
L-Anness	L-Anness I
—	L-Annessi II u III